MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 862/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Galea Scannura)**

**vs**

**Jesmond Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jesmond Debono,** bin Saviour u Josephine *nee'* Gatt, imwieled fit-3 t'April, 1968, residenti 'Jamis' Triq Dun Gorg Fenech, Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 171668(M);

Talli fl-1 ta' Settembru, ghall-habta ta' 9.00a.m., fi Triq Dun Gorg Fenech gewwa Hal Qormi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara hija izjed minn hames mitt

Lira Maltin u saret fuq il-vettura ta’ l-ghamla Izuzu Pick-Up bon-numru tar-registrazzjoni EBD 029 ghad-dannu ta’ Simon Bartolo.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuza kif dedotti kontra tieghu wara allegazzjoni li huwa ghamel hsara volontarja fuq il-vann tal-habib ta’ martu meta meta kien hemm pendenti bejnithom proceduri ta’ separazzjoni.

Mix-xhieda jirrizulta illi dak in-nhara tal-akkadut, l-imputat kien mar ghand martu flimkien ma missieru u bdew ihabbtu mal-bieb ta’ barra u bdew jghamlu hafna storbju. L-imputat kissier il-bieb u s-serratura u dahal fid-dar kontra x-xewqa ta’ martu u ried ikun jaf jekk kienitx qieghdha ma’ dak tal-vann li kien ipparkjat barra u beda jiftah il-bibien tal-ghamara biex jipprova isib lill-dan il-persuna. L-imputat baghat lill-missieru ghassa mal-vann u meta hargu, t-tnejn li huma bdew jaghtu daqqiet fuq il-vann. Sid il-vann xehed li l-istima ta’ hsarat tammonta ghall-Lm1200. Minkejja li ma ngiebet ebda prova ta’ din l-istima, id-difiza kienet exentat lill-prosekuzzjoni milli gib aktar provi dwar l-ammont ta’ hsarat sofferti minn Simon Bartolo (ara verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2005;

Mil-provi mressqa jirrizulta l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha li ma kienx kontradett mid-difiza u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikolu 325 (1) (a) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat, minflik li tikkundahha ghat-terminu ta’ prigunerija kif provdut fl-artikolu fuq citat, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma

jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni stante li l-artikolu 383 Kap 9 kif minnha citat ma jipprovdix ghall-imposizzjoni ta’ hlas ta’ danni kontra l-imputat.

Il-Qorti ghaddiet biex tispjega l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------